MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2006

Rikors Numru. 10/2006/1

Rikors Nru 10/2006

Fidiel Magro (ID. 0023633M)

Vs

Golden Harvest Manufacturing Company Limited (C 176)

Il-Bord,

Ra r-rikors ipprezentat mir-rikorrenti fil-15 ta' Frar, 2006 fejn espona:

1. Illi l-esponent jikri lis-socjeta' intimata ghal skopijiet kummercjali l-fond precedentement maghruf bhala "Crown Bar", sottopost ghall-"Verdala Court" fi Triq Salvu Privitera, San Giljan, versu l-kera ta' tliet mija u hames liri kull sitt xhur, il-kera tithallas f'Settembru u f'Marzu ta' kull sena;

2. Illi l-fond jinsab abbandunat u ma jintuzax mis-socjeta’ intimata, u ghalhekk (i) saret hsara fil-post, (ii) ma gewx esegwiti l-kundizzjonijiet tal-kera, (iii) il-fond intuza xorta ohra mill-iskop li ghalih inkera, u (iv) sehh non uzu tal-fond bi hsara ta’ l-avvjament kummercjali tieghu;

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob umilment lil dan l-Onorabbli Bord joghgbu jawtorizzah ma jgeddidx il-kirja in kwistjoni f’eghluq it-terminu kurrenti u jirriprendi l-pussess tal-fond precedentement maghruf bhala “Crown Bar”, sottopost ghall-“Verdala Court” fi Triq Salvu Privitera, San Giljan u dan fi zmien qasir u perentorju li jigi prefiss lis-socjeta’ intimata ghall-fini ta’ l-izgumbrament.

Bl-ispejjez u minghajr pregudizzju ghad-dritt tar-rikorrent li jitlob il-hlas ta’ kirjiet arrettrati u/jew kumpens u/jew danni, permezz ta’ proceduri separati, skond ir-rizultanzi processwali.

Ra li s-socjeta’ intimata la ressqet twegiba fir-registru tal-Qorti u lanqas ikkontestat it-talba fis-seduta ta’ llum.

Semgha x-xhieda bil-gurament ta’ Carmen Magro fis-seduta ta’ llum.

Ra l-artikolu 30 tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fil-kontumacja tas-socjeta’ intimata jilqa’ t-talba tar-rikorrent fuq il-kawzali kollha u jawtorizzah jerga’ jiehu f’idejh il-fond qabel maghruf bhala “Crown Bar” sottopost ghal Verdala Court fi Triq Salvu Privitera, San Giljan; ghal ghan ta’ tkeccija jaghti xahar zmien millum; L-ispejjez jithallsu mis-socjeta’ intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------